# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**45/18**

**Minuti tal-erbgħa u ħamsin (45) laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2012 fil- 5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (daħlet 17.50 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużati:** | Is-Sur Cleaven C Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:***

***Każ 798/12 (Dipartiment għall-Gvern Lokali) - Bord tal-Aġġudikazzjoni Tenders SVLC 1-10, Santa Venera.***

Il-laqgħa bdiet fil-17.45 ta' filgħaxija.

1 Is-Sindku u l-Kunsillieri bdew b'talba.

2 Is-Sindku ta spjegazzjoni x'ġara fuq it-*Tenders*. Is-Sindku qal li waqt laqgħa tal-Kunsill, kien sar ftehim li ser jkunu huwa u s-Sur Edwin Formosa għall-ftuħ tat-Tenders. Dak inhar għal xil-11.00 ta' filgħodu s-Sur Formosa ċempel lill-ASE u beda jargumentalha li ma ridx jattendi għax-*Schedule* tat-*Tenders* minħabba *issue* oħra li ma kellha x'taqsam xejn. Is-Sindku dakinhar wasal għal xi 11.50 u sab xi 12-il *bidder* jistenna. L-ASE infurmat lis-Sur Horace J Anastasi bit-telefonata tal-Kunsillier Formosa u rrimarka li ma kenitx serjeta' min-naħa tas-Sur Formosa. Is-Sindku ta direttiva lill-ASE biex magħha jitilgħu wkoll, fil-*Board Room*, l-Uffiċjal Eżekuttiv u l-Iskrivana. Ittellgħu l-Kaxxi ssiġġilati tat-*tenders* wara li ngħalqu f'nofsinhar. Dawn il-Kaxxi nfethu fil-preżenza tal-*bidders* u l-proċess kien trasparenti. Il-Bord kien jikkonsisti mis-Sindku, mill-ASE u mill-Iskrivana s-Sinj Juliana Attard; l-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sur Carmel Busuttil kien preżenti għal ħin twil iżda, għall-aħħar kellu jinżel minħabba l-uffiċċju. Iffirmaw id-Dokumenti *in questione*, s-Sindku, l-ASE u l-Iskrivana. Wara li nfetħu t-*Tenders* kollha, s-Sindku kiteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex jirrapporta li l-Kunsillier Edwin Formosa ma kienx preżenti waqt l-imsemmija *Schedule*

u, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali wieġeb li kien ser jitlob il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

3 Is-Sindku qara t-tweġiba li bagħat id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti peress li kien hemm firma ta' Kunsillier wieħed u li ma kienx hemm il-firma tat-tieni Kunsillier, tas-Sur Formosa. Is-Sur Camilleri staqsa jekk din kienetx suppost parti mill-liġi. Is-Sindku qal li huma suppost kienu tnejn iżda, l-Kunsillier Formosa ma ridx jattendi. Ir-regolamenti tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali juru li suppost jkun hemm 2 Kunsillieri iżda d-Dipartiment tal-Kuntratti irrimarka lir-regolamenti tagħhom huma bbażati fuq il-prinċipji tas-sewwa u tat-trasparenza u, li ma kienx ġust li minħabba x-xewqa/l-ideja ta' Kunsillier irresponsabbli—Edwin Formosa, jipperikolaw dawn ir-regolamenti.

3.1 Id-Direttur tal-Kuntratti s-Sur Anthony Cachia kompla jirrimarka li dehrlu li l-proċess tal-ftuħ tat-tenders mis-Sindku, l-ASE u l-Iskrivana kien wieħed trasparenti u l-unika ħaġa nieqsa kienet li ma kienx hemm żewġ Kunsillieri. Is-Sur Cachia sostna li ma kienx ġust għal dawk il-*bidders* kollha li ħadu dak ix-xogħol kollu u nefqu dawk il-flus kollha biex jitfgħu dawk l-offerti u mbagħad jitwarrbu. Is-Sur Cachia kien tal-parir li dawn il-bidders ikunu mistiedna għall-'iskjedar tal-offerti' u li jkun hemm żewġ Kunsillieri. Hu rrimarka li fl-aħħar mill-aħħar kienet ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali jew id-DGL ta' kif jipproċedu.

3.2 *"The Public Procurement regulations are based on principles of fairness and transparency. I do not think that these should be jeopardised by the whims of an irresponsible counsellor who did not attend an opening session. It seems that the opening was carried out in a transparent manner and the only missing link was the onus of the council to have two counsellors present for such opening. I do not think it would be fair on all these bidders who must have spent time and resources to draw up their bids to be discarded. Hence, I would advise that all the bidders are invited for the 'scheduling of the offers'. This would take place with all the offers present and relevant scheduling of the offers carried out. Obviously the Secretary and two counsellors will carry out this process to be in line with regulations.*

*I hope this solution is one which you find satisfactory. Kindly note, however, that this guidance is being submitted for consideration but it is the ultimate responsibility of the Local Council (or your unit) on how to proceed."*

*Regards*

*Anthony Cachia*
*Director (Public Procurement Procedures)*
*Department of Contracts*

3.3 Is-Sur Sultana qal li l-*wording* li '*I do not think that these should be jeopardised by the whims of an irresponsible counsellor who did not attend an opening* session' mhuwiex ġust u lid-Direttur mhux sew li jgħid dan il-kliem fuq il-Kunsillier. Huwa żied jgħid li kieku s-Sindku ċempel lill-Kunsillieri l-oħra dak il-hin, forsi xi ħadd minnhom seta' jattendi. Is-Sur Anastasi wieġeb li hekk sar iżda, għalxejn. Is-Sindku sostna li s-Sur Formosa ċempel il-Kunsill u seta' attenda iżda, bl-akbar irresponsabbilita' għażel li ma jattendix. Is-Sindku qal li meta kellhom l-intervisti eċċetra għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv hekk għamel il-Kunsillier Formosa u meta s-Sindku, l-ASE u l-iskrivani, nfurmaw kemm lis-Sur Sultana li

ma setax jiġi, u kemm lis-Sur Cleaven Bugeja li qalł li kien se jattendi u sa għaxar minuti wara li suppost ġie u kien għadu ma ġiex, is-Segretarju s-Sur Simon Cauchi ppostpona u l-Kunsillier Bugeja kien avżat b'dina d-deċiżjoni. Is-Sindku qal li huwa kellu quddiemu 12-il *bidder* u mhux biss mexxa kollox bi trasparenza iżda, wera li kien qed imexxi bi trasparenza. Is-Sur Sultana qal li huwa ma jafx x'kiteb is-Sindku lid-Direttur.

3.4 F'dak il-ħin, is-Sindku qara l-ittre li kiteb huwa stess lid-Direttur għall-Gvern Lokali:

*"-----Original Message-----*

*From: Anastasi Horace J at OPM*

*Sent: 02 December 2012 12:48*

*To: Monitoring at DLG; Callus Natalino at DLG; Tabone Vella Marica at DLG*

*Cc: Abela Carmel at DLG; Gusman Louise at DLG; Santa Venera Local Council at DLG*

*Subject: Dwar: TENDERS*

*Importance: High*

*Nhar il-Erbgħa, 28 ta' Novembru, 2012, kellna laqgħa li spiċċat bla kworum.*

*Preżenti kien hemm jien u l-Kunsillieri Sultana u Formosa.*

*Jien ftehimt magħhom li xi ħadd minnhom għandu jkun preżenti miegħi għal ftuħ tat-tenders li kellhom jinfetħu l-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2012, f'nofsinhar.*

*Sultana wieġeb li ma setax u Formosa aċċetta li jattendi u ftehmna li jiġi għal nofsinhar neqsin għaxra--11.50 ta' filgħodu.*

*F'xil-11 ta' filgħodu tal-Ġimgħa, 30 ta' Novembru, 2012, Formosa ċempel lill-Aġent Segretarju u beda jipprotesta fuq laqgħa li kellha tinżamm dakinhar stess fil-5.30 ta' filgħaxija u, minħabba li, skont hu, aħna ma konniex qed nimxu skont il-liġi ma kienx se jattendi għall-ftuħ tat-tenders.*

*Ippruvajna naqbdu Kunsillieri oħra iżda, ma rnexxilniex.*

*Sar il-ħin tal-ftuħ tat-tenders u kien hemm il-pubbliku preżenti.*

*Għaldaqstant, jien iddeċiedejt li apparti l-Aġent Segretarju, miegħi ikun hemm l-Iskrivana Juliana Attard.*

*Jien dehrli li dan kien tfixkil sabiex nibqgħu ntawlu l-proċess.*

*Aħna tellgħajna l-kaxxi ssiġġilati fil-preżenza tal-pubbliku preżenti, ftaħna l-katnazzi quddiemhom, ħriġna l-ktibiet kollha tat-tenders quddiemhom, ftaħna l-inviloppi kollha quddiemhom u qrajnihom u ffirmajnihom kollha quddiemhom.*

*Jien ġbidtilhom l-attenzjoni għal aktar minn darba li min ried kien seta' jiġi ħdejja u jara l-proċess kif kien qed jitmexxa. Ma tajtx permess li jintużaw mobajls u jittieħdu ritratti. Offrejnilhom x'jixorbu aktar minn darba iżda, ħadd ma ħa.*

*Ftaħna xi 49 tender u qrajna l-prezzijiet imniżżla kollha u erġajt offrejt lill-pubbliku preżenti ċ-ċans li jarawhom. Bqajna sejrin fuq dan il-proċess sa wara l-4 ta' filgħaxija.*

*Il-Ġimgħa stess, f'xis-5.45 ta' filgħaxija bdiet il-laqgħa tal-Kunsill li setgħet tinżamm bi tliet Kunsillieri biss u f'xi ħin spjegajt l-andament tal-proċess tal-ftuħ u l-Kunsillieri Ronald Briffa, Charles Camilleri u Mariella Micallef qablu mad-deċiżjonijiet li ħadt jien.*

*Imbagħad iddeċiedejna fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni.*

*Intgħażlu l-Kunsillieri Ronald Briffa u Mariella Micallef u rrakkomandajna lill-Aġent Segretarju biex tibgħat lill-Kunsillieri Sultana, Bugeja u Formosa biex jaraw min minnhom se jkun parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni li kien se jibda xogħlu t-Tnejn, 3 ta' Diċembru, 2012, mid-9.30 ta' filgħodu sas-2 ta' wara nofsinhar.*

*Waqt il-laqgħa tal-Kunsill iddeċiedejna li jekk ma jattendux Sultana, Bugeja u Formosa l-Bord jibqa' jmexxi bil-Kunsillieri li jattendu.*

*Ilbieraħ filgħodu, l-Aġent Segretarju Gusman immejljat lit-tliet Kunsillieri ndikati l-ittre mehmuża ma' dina l-ittre fejn infurmathom għal għada u, biex jikkonfermaw.*

*Kull Kunsillier kien elett mill-Vendrini biex jaħdem favur il-Lokal. Ma jistax ikun lill-Kunsillieri jfittxu l-ewwel, il-ħtiġijiet jew r-raġunijiet tagħhom. Dment li ma jkunx hemm mard jew okkorrenzi straordinarji ħadd m'għandu jtellef jew jipprova jtawwal ix-xogħol tal-Kunsill. Hemm bżonn li l-awtoritajiet jisħqu li l-Kunsill irid jibqa' jaħdem u ħadd u xejn m'għandu jxekklu.*

*Kull Kunsillier għandu dan l-impenn u kull Kunsillier ħalef solennament li jaqdi fedelment u konxjenzjożament id-dmirijiet ta' Kunsillier skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Filwaqt li nirringrazzjakom, insellmilkom.*

*Horace J Anastasi*

*Sindku*

*Santa Venera"*

3.5 Is-Sur Anastasi staqsa l-Kunsillieri preżenti biex jiltaqgħu fi żmien jumejn sabiex terġa' issir ix-*Schedule of Tenders*. Saret diskussjoni u s-Sur Sultana informa lis-Sindku li ma jridx ikun fil-ftuħ tat-*tenders*. Is-Sindku ppropona li min ser ikun preżenti għall-ftuħ ser ikun ukoll, fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Is-Sindku qal lill-Kunsillier is-Sur Sultana biex ma jkompliex itellef għax beda jgħaddi xi kummenti frivoli. Is-Sindku talab għall-vot biex it-Tlieta jew l-Erbgħa 18/19 ta' Diċembru, 2012, rispettivament, jiftħu it-Tenders u jibqgħu sejrin bl-aġġudikazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekkonda l-proposta.

3.6 Is-Sur Camilleri staqsa jekk din kenitx skont il-liġi. Is-Sindku qal li m'hemm xejn kontra l-liġi u li setgħu jagħmlu dan. Żied jgħid li saħansitra s-Sindku ħa l-parir tal-avukat tal-Kunsill Dott. Richard Sladden u s-Sur Anastasi qara l-ittre:

***From:*** *Richard Sladden at Sladden Advocates [mailto:richard@sladdenadvocates.com]*
***Sent:*** *15 December 2012 07:48*
***To:*** *Anastasi Horace J at OPM*
***Subject:*** *RE: Case 798/12 - Adjudication Board - TENDERS SCLC 1 - 10 - Santa Venera*

*"Rajt id-dokumentazzjoni mibghuta u partikolarment il-parir tad-dipartiment tal-kuntratti. Fic-cirkostanzi msemmija, naqbel mieghu u ghalhekk bhala Kunsill tiehdu decizjoni li tmexxu u billi taghmlu cert li kull persuna/entita li tefghet offerta, tkun infurmata bil-procedura miftehma.*
*Tislijiet, Richard"*

3.6 Is-Sur Sultana qal li ħaseb lis-Sindku ħa xi parir arbitrarju u mhux li jkun influenzat. Is-Sindku wieġeb li huwa mexa skont il-parir li tah id-Dipartiment peress lid-Dipartiment infurma l-Kunsill biex iqabbdu l-avukat tal-Kunsill.

3.7 Is-Sur Camilleri reġa' staqsa jekk il-ligi tippermettiex dan ħalli ħalli fil-kas huwa jivvota favur. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm xejn kontra l-liġi.

3.8 Is-Sindku talab għall-vot. Is-Sur Briffa issekonda. Favur : 4 (is-Sur Anastasi, s-Sur Briffa, s-Sinj Micallef u s-Sur Camilleri). Kontra: 2 (is-Sur Sultana u s-Sur Formosa).

Il-vot li l-ewwel issir is-*Schedule of Tenders* u imbagħad issir l-aġġudikazzjoni għadda 4 kontra 2.

3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri lix-*Schedule* tat-*Tenders* kien ser jinżamm nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru, 2012 fl-10.00 ta' filgħodu u li l-Kunsillieri fuq ix-*Schedule* kienu ser ikunu huwa u s-Sinj Micallef waqt li l-membri tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni kienu ser ikunu huwa, l-Viċi Sindku s-Sur Briffa u s-Sinj Mariella Micallef u li kienu ser jiltaqgħu nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru, 2012 fin-12.30.

3.10 Il-laqgħa ntemmet fis-18.10 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Illum, 7 ta' Frar 2013